

# Carlo Diacono, 75 sena minn mewtu



*Charles Debono*

Fl-Arkivju Parrokkjali nsibu miktub illi fis-sena 1892 meta kellu biss 16-il sena, iż-żagħżugħ Carlo Diacono dderieġa b'xejn il-mużika tal-Quddiesa tat-Te Deum u tal-Matutin fil-festa ta' Santa Katarina u ġie mogħti sufflè bħala rigal. Tant mar tajjeb li beda jingħata aktar servizzi fil-parroċċa tagħna. Dan l-avveniment nistgħu ngħidu li kien il-bidu tal-karriera ta' dak li kellu jkun wieħed mill-aqwa kompożituri ta' mużika sagra fil-gżejjer Maltin.

Carlo Diacono twieled iż-Żejtun nhar l-1 t'April, 1876 fil-palazz fejn illum tinsab is-sede tal-Banda Beland. Nannuh GioBatta kien dak li waqqaf l-orkestra taż-Żejtun, filwaqt li missieru Orazio, li kien vjolinista tajjeb, irrriforma din l-orkestra bl-għajnuna tal-kompożitur Naplitan Michelino DeFerraris u aktar tard fl-1860 dawwarha f'banda, illum il-Banda Beland. Ta' età żgħira, Carlo kien jgħaqqad kor żgħir, minn fost il-ħbieb tiegħu, li kien jieħu sehem fil-festa li kien jorganizza ad unur San Ġużepp fil-knisja żgħira li kellu. Tirrakkonta bintu Maria illi darba waħda ommu, Francesca Saveria Darmanin, ħaditu l-Belt biex jaqta' xagħru. Fil-waqt kienet għaddejja banda tal-militari Ingliża u ċ-ċkejken Carlo ħareġ jiġri kif kien wara l-banda. Ta' għaxar snin ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u aktar tard sar ukoll Direttur Mużikali tal-istess banda.




Iżda l-aktar pass siewi fl-iżvilupp tiegħu bħala kompożitur kien meta beda l-istudju tiegħu għand il-Professur Paolino Vassallo. Huwa dam jistudja taħt Vassallo għaxar snin sħaħ u miegħu tħarreg fl-istorja, il-forom tal-mużika, il-kuntrapunt, l-orkestrazzjoni, il-vuċi u l-pjanu.

Il-problema ewlenija kienet kif kien se jirnexxilu jinfiltra fil-knejjes. Inżommu quddiem għajnejna illi dak iż-żmien il-mużika fil-knejjes kienet iddominata mill-Cappelli Nani u Bugeja. Għal din il-problema ħaseb il-Papa San Piju X, li fit-22 ta' Novembru, festa ta' Santa Ċecilja, xandar il-famuż 'Motu Proprio'.

Permezz tiegħu, il-Papa ta struzzjonijiet dettaljati dwar l-istil mużikali li għandu jkun tollerat waqt il-funzjonijet liturġiċi. Din kienet okkażjoni unika għal Diacono li kien pront ħatafha. Kien għalhekk li għal nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fl-intervalli tal-prietka tat-tliet sigħat u waqt il-matutin tat-tniebri, Diacono esegwixxa 9 responsorji miktubin kollha skont il-parametri tal-Motu Proprio. Dawn kienu miktuba għal kor ta' madwar erbgħin kantant bejn tfal u kbar, kollha taħt id-direzzjoni tal-istess Surmast. Tirrakkontalna t-tifla tiegħu Maria illi darba waħda fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa nzerta kien hawn Malta l-magħruf Marconi u nzerta għadda minn quddiem San Ġwann waqt iċ-ċelebrazzjoni reliġjuża. Tant ħa pjaċir bil-mużika illi staqsa ta' min kienet għax ried jiltaqa' miegħu. Hekk ġara, għax wara l-funzjoni Marconi ltaqa' ma' Diacono u feraħlu għall-mużika tiegħu. Surmastrijet u kompożituri barranin kollha apprezzaw il-ġenju tiegħu. Kompożituri bħal F. Lattuada, Lorenzo Peròsi, Licino Refice, Pizzetti, R. Zandonai u saħansitra Pietro Mascagni kollha faħħru l-kapaċitajiet tiegħu.

Minn hawn 'il quddiem Diacono ma ħarisx lura għax il-fama tiegħu xterdet ma' kull rokna ta' Malta. Il-kompożizzjonijiet tiegħu bdew jiġu approvati mill-Vatikan. Hekk insibu illi fit-3 ta' Diċembru, 1907 il-Kummissjoni Rumana approvat żewġ quddisiet u Laudate Pueri. Fit-23 ta' Mejju 1907 żanżan quddiesa tal-mejtin miktuba fi tliet ġimgħat għall-funeral solenni tal-Arċipriet Senglean il-Kan. Franc. Briffa.

ikompli minn paġna 17



Mro Diacono kompla jikkonsolida ruħu fil-festi mhux biss bil-quddies u għosrien li kkompona imma aktar u aktar permezz tal-Antifoni sbieħ li kkompona u li għadna ngawduhom sal-lum. Fil-każ tal-parroċċa tagħna nistgħu ngħidu li kkompona mhux anqas minn ħames antifoni kollha ddedikati lill-patruna tagħna. Għal parroċċi oħra kkompona anke żewġ antifoni, bħal pereżempju għal Ħaż-Żebbuġ 'In sepulchrum' u 'Hodie Philippus' mentri f'dik ta' Marsaxlokk 'Beata Mater' naraw is-sempliċità u l-ħlewwa tal-melodija. Fost l-antifoni tiegħu li jqajmu entużjażmu kbir fil-ġranet tal-festi nsibu wkoll dik ta' Bormla 'Hodie Egressa Est'.

Matul is-snin li ġew wara naraw lil Diacono fil-maturità sħiħa tiegħu. Fis-sena 1918 huwa ppreżenta b'suċċess kbir l-opra tiegħu 'L'Alpino' fi tliet atti. Ġiet esegwita għal disa' darbiet in fila bejn is-16 t'April u t-2 ta' Mejju ġewwa t-Teatru Rjal flimkien ma' żewġ Soiree d'Honneur fejn ġie mogħti bosta rigali. Diacono kien ukoll beda jikkomponi t-tieni opra tiegħu bl-isem ta' 'Villa Azzurra' li ma laħaqx temmha. Fis-sena 1920 inħatar uffiċjalment Maestro di Cappella tal-parroċċa tagħna, għalkemm kien ilu żmien jagħmilha ta' organist. Fl-Arkivju Parrokkjali nsibu illi xi snin qabel il-poplu kien għamel petizzjoni lill-Arċipriet biex Diacono jinħatar Maestro di Cappella. Fis-sena 1923 wara l-mewt ta' Paolino Vassallo l-Arċisqof ħatru Maestro di Cappella tal-Katidral u tal-Konkatidral mingħajr ma resaq għall-konkors.

Is-Surmast Carlo Diacono kkompona għadd kbir ta' mużika li jikkonsisti fost oħrajn f'45 Messe di Gloria, 22 Messe Funebri, 3 Oratorji, diversi kantati, 15-il preludju għall-orkestra, 9 sinfoniji, 8 Ouvertures, 16-il kompożizzjoni għall-pjanu, 17-il romanza, 3 innijet għall-banda, mużika polifonika, diversi marċi funebri, u għadd ta' innijiet popolari, bl-isbaħ wieħed iddedikat lil San Ġużepp. Ma' dawn inżidu għadd ieħor ta' mużika mxerrda f'każini, istituti, seminarju u għaqdiet oħra.

Ma nistgħux inħallu barra l-mużika kollha li tindaqq fil-festa tal-patruna tagħna Santa Katarina u li kkomponieha biex tindaqq fil-parroċċa tagħna.

Carlo Diacono ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar il-15 ta' Ġunju, 1942 fl-eqqel tal-gwerra ġewwa d-dar li kellu ġewwa Ħal Lija. Lil uliedu kien spiss jgħidilhom biex ma jħallux lill-Monsinjuri jidfnuh fil-katidral kif kellu dritt, imma x-xewqa tiegħu kien li jindifen fiċ-ċimiterju ta' raħal twelidu fejn għadu hemm sal-lum.

